Qorti Civili, Prim'Awla

Imhallef Anthony Ellul

Rikors numru: 1095/08AE

**Giovanni Gino Vassallo u martu Romina Vassallo**

**Vs**

**Dennis Farrugia u Denfar Excavators Limited**

L-Erbgha, 25 ta' Novembru 2015.

Permezz ta' rikors prezentat fil-31 ta' Ottubru 2008, l-atturi ppremettew u talbu:-

*1. Illi l-attur rikorrenti ghandu s-sengha ta' bennej, u kien jinghata xoghol minghand is-socjeta' konvenuta b'sub-contracting; u*

*2. Illi fil-15 ta' Dicembru 2006, waqt illi l-attur rikorrenti kien fuq il-post tax-xoghol, u cioe' f'fabbrika fl-Industrial Estate ta' Bulebel, waqt il-hin tax-xoghol u waqt li l-attur rikorrenti kien qed jaqdi d-doveri tieghu, l-attur rikorrenti kien involut f'incident meta waqa' gholi ta' madwar zewg (2) sulari minn fuq scaffolding li ntlaqat b'gaffa li kienet qedha tigi operata u misjuqa mill-konvenut intimat Farrugia, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza; u*

*3. Illi konsegwenza ta' dan l-incident, l-atturi rikorrenti sofrew danni konsistenti f'damnum emergens u lucrum cessans, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza; u*

*4. Illi ghal tali danni huma unikament responsabbli l-konvenuti intimati, jew min minnhom, minhabba traskuragni u peress li naqsu li jiehdu dawk il-mizuri u dawk il-prekawzjonijiet necessarji li setghu evitaw li jsehh l-incident in kwistjoni; u*

*5. Illi ghalkemm interpellati sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti mill-atturi rikorrenti, il-konvenuti intimati baqghu inadempjenti.*

Ghaldaqstant, l-atturi jitolbu għar-ragunijiet premessi, lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

*1. Tiddikjara lill-konvenuti intimati, jew min minnhom, responsabbli ghall-incident li sehh fuq il-post tax-xoghol fil-15 ta' Dicembru 2006 u ghad-danni kollha li sofra l-attur rikorrenti per konsegwenza tal-istess incident;*

*2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi rikorrenti, okkorrendo bl-opera ta' Periti nominandi;*

*3. Tikkundanna lill-konvenuti intimati, jew min minnhom, ihallsu lill-atturi rikorrenti dik is-somma li tigi hekk likwidata minn din l-Onorabbli Qorti.*

*Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti intimati ngunti ghas-subizzjoni.*

Permezz ta' twegiba guramentata prezentata fil-11 ta' Dicembru 2008, il-konvenuti wiegbu:-

*1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti in kwantu diretti lejn l-eccipjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u*

*ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li ma kinitx responsabbli ghall-incident li sehh fil-hmistax (15) ta' Dicembru 2006 u ghall-allegati danni konsegwenzjali;*

*2. Illi jsegwi li ma hemmx danni li ghandhom jigu likwidati fil-konfront taghha;*

*3. Illi jsegwi li ma hemmx danni li ghalihom hija ghandha tigi kundannata li taghmel fronti;*

*4. Illi ghall-incident 'de quo' kien unikament responsabbli l-istess rikorrent. Huwa ghalkemm bniedem tas-sengha u l-esperjenza naqas li jadopera dawk il-mizuri necessarji ta' sigurta' u salvagwardia fuq il-lant tax-xoghol;*

Il-qorti semghet u rat l-atti li jinkludu noti ta' sottomissjonijiet.

1. Il-kawza titratta dwar incident li sehh fil-15 ta' Dicembru 2006 meta l-attur waqa' minn fuq *scaffolding* waqt li kien qieghed jaqla' knaten minn hajt ta' fabbrika fl-Industrial Estate ta' Bulebel. Fir-rikors guramentat l-attur allega li l-incident sehh ghaliex l-*iscaffolding* intlaqat minn gaffa li kien qieghed isuq il-konvenut. Il-konvenut cahad din il-verzjoni.

2. L-oneru tal-prova kien fuq l-attur. L-attur u l-konvenut taw il-verzjoni taghhom:-

   I – **L-attur xehed**[1] li waqt li kien fuq l-armar, il-gaffa misjuqa mill-konvenut resqet vicin tieghu. Kompla:-

   *"Meta hu resaq vicin u gholla l-arm tal-gaffa, biex igib xi hadid, biex jigbed ghaliex kien hemm tieqa zghira u kienet imwahhla bil-hadid u ried jaqlaghhom, x'hin gholla l-arm, laqatli l-injam, fetahuli, tlift il-balance u mort mar-right, mal-genb u bqajt niezel ghal isfel, tlift il-balance jigifieri".*

   *"Malli qabad il-hadid tat-tieqa, ghollieli l-injam ukoll u b'hekk, inqlibt ghal isfel. Tlift il-balance"* (fol. 142).

   Meta xehed fl-inkjesta magisterjali[2] qal:-

   *"Wara dan, jien qbadt biex naqla' t-tieni kantun u f'hin minnhom Dennis gie bil-gaffa u kif kont nahdem bis-serrieq inhammel il-fil, smajt zewg daqqiet, jien harist u rajt li hu kien ta zewg daqqiet bil-bucket fuq il-gradiljar tat-tieqa biex jaqilghu.*

   *Kif rajt dan, jien ghidtlu: "Mela sa nahdmu hekk ? Jew jien jew int. Ghoddok qlajt il-faccata u kif ghidtlu hekk, bil-bucket hu laqat li scaffolding, caqlaqni u*

[1] Seduta tat-3 ta' Gunju 2013.
[2] Fl-1 ta' Marzu 2007.

*waqajt ghal isfel. Jien intlift minn sensija u sibt ruhi l-Isptar u dakinhar filghaxija gejt f'sensija"* (fol. 205).

Il-qorti tosserva li filwaqt li fl-inkjesta magisterjali l-attur xehed li ntlaqat l-*iscaffolding*, meta xehed fil-qorti qal li ntlaqat l-injam li kien bil-wieqfa fuqu u dan wassal biex tilef il-bilanc u waqa' ghal isfel.

II - **Il-konvenut xehed**:-

*"Ma naqbilx li fil-hin tal-incident kont qieghed inhaddem ingenju, dak li jidher fir-ritratt. L-ingenju li jidher fir-ritratti kien diga' qieghed hemm filghaxija meta ma kienx hemm scaffolding. Jien ma nsuqx ingenji. [Il-kumpannija] ghandha x-xufier taghha li fil-hin meta sehh l-incident kien ghadu m'huwiex prezenti fuq il-lant tax-xoghol… Jiena nikkonferma illi iva, hija haga normali illi kif jieqaf l-lant tax-xoghol, il-makkinarju jithalla kif inhu u kif jidher fir-ritratti."* (fol. 175);

Qal ukoll:-

*"Jiena fl-ebda hin ma kont qieghed hdejn Gino Vassallo meta sehh l-incident……… Dakinhar tal-incident fl-ebda hin ma mort hdejn Gino hlief fil-hin tal-incident, cioe' wara"* (fol. 175);

*"Meta wasalt on site jiena ma kont naf li Gino kien wasal u qieghed fil-post"* (fol. 175).

Verzjoni differenti minn dik li l-konvenut ta waqt l-inkjesta magisterjali[3], fejn fil-15 ta' Dicembru 2006 qal:

*"….. u llum kont hawn nopera l-JCB li biha kont qieghed nimbraga l-gradiljar tat-twieqi u permezz tal-JCB nigbidha. B'dan il-mod ga kont qlajt gradiljar ohrajn.*

*Dalghodu jien bdejt xoghol f'xi 7.30 u qrib it-tieqa li minnha kont sa naqla' l-gradilja kien hemm haddiem fuq Scaffolding jiftah xi toqba gol-hajt fl-gholi u din fil-filat ta' taht dik tas-saqaf.*

*F'daqqa wahda jiena rajt lil dak ir-ragel niezel ma' l-art. F'dak il-hin ma kontx qieghed nigbed il-gradilja, kont ga gbidta qabel"*.

[3] Kien il-konvenut stess li pprezenta fit-13 ta' Mejju 2014 ipprezenta l-atti tal-inkjesta magisterjali li jinkludu t-traskrizzjoni tad-deposizzjoni li ta quddiem il-perit Richard Aquilina.

Imbaghad fl-1 ta' Marzu 2007 qal:-

*"Dakinhar tal-incident Gino rajtu fuq li Scaffolding fejn kellu anke Chaser fost ghodda ohra. Dak fetah il-fili bic-Chaser u bis-serrieq. Waqt li Gino kien jahdem jien kont ghadni tiela' gol-J.C.B. u anqas biss startjat.*

*Dakinhar stess qabel l-incident jien kont bdejt ix-xoghol fejn inbragajt il-gradilja u nigbidha bil-Jib tal-J.C.B. Jien rajt lil Gino jaqla' kantun, dak kien ta' l-ewwel. Jien rajtu jaqilghu mill-lok u wara rajtu fl-art bil-kantun b'kollox.*

*Mistoqsi jekk jien ilqattx li Scaffolding bil-J.C.B. jien nirrispondi fin-negattiv u nsostni li l-J.C.B. f'dak il-hin kienet mitfija"* (fol. 206-207).

Id-differenza hi fis-sens li l-konvenut:-

(a) Fl-inkjesta xehed li fil-hin tal-incident kien ghadu tiela' fil-J.C.B. Pero' meta xehed quddiem il-qorti qal li ma jsuqx ingenji u li meta sehh l-incident ma kienx hdejn l-attur. Mir-ritratti esebiti jirrizulta li l-J.C.B. kien vicin hafna tal-*iscaffolding* li waqa' minn fuqu l-attur[4]. Min-naha l-ohra fl-inkjesta qal li ra l-incident isehh. Illum qieghed ighid mod iehor.
(b) Fl-inkjesta xehed li dakinhar kien diga' sar xoghol bil-JCB. filwaqt li quddiem il-qorti ta x'jifhem li l-JCB kien ghadu ma ntuzax.

Il-qorti ma tistax toqghod fuq il-verzjoni li rrakkonta l-konvenut. Lanqas ma tista' taghti lix-xhud il-beneficcju tad-dubju minhabba t-trapass ta' snin minn meta xehed fl-inkjesta ghal meta xehed quddiem din il-qorti, u dan peress li d-diskrepanza hi dwar fatti li l-qorti tqies li m'humiex ta' natura sekondarja li wiehed jista' jinsa minhabba t-trapass tas-snin.

3. Provi ohra huma:-

i. Ir-ritratti fejn jidher l-i*scaffolding* u l-JCB. L-attur kien fl-oghla parti tal-i*scaffolding*, u cjoe' minn fejn kien qieghed jahdem l-attur, kien hemm biss zewg fallakki tal-injam. Inoltre madwar dik il-parti tal-i*scaffolding* ma kienx hemm ilqugh.
ii. Bejn l-i*scaffolding* u l-JCB kien hemm distanza ta' cirka 1.5 metri[5].
iii. Il-perit Richard Aquilina, li kien gie nkarigat biex jassisti l-magistrat inkwirenti, xehed: *"A fol. 225 hemm ir-ritratt illi juri zewg planki tal-*

[4] Ara wkoll skizz a fol. 192.
[5] Ara rapport ta' Charles Micallef, *Principal OHS Officer* (fol. 83) kif ukoll dak li xehed fis-seduta tal-21 ta' April 2010 (fol. 78).

*injam qeghdin fuq l-iscaffolding u juri kif fuq dan l-iscaffolding ma kien hemm ebda lqugh. Jekk il-JCB kien qieghed jahdem, jista' jkun illi laqat l-iscaffolding. Fil-fehma tieghi il-JCB ma setax laqat il-planki. Kieku l-JCB laqat l-iscaffolding, konna se nsibu xi brix jew tahkik ta' zebgha, xi haga, jew grease li jkollhom"* (fol. 244).

4. Il-qorti hi tal-fehma li l-incident ma sehhx ghaliex il-JCB laqat l-*iscaffolding*, meta tqies:-

   (a) Fuq l-i*scaffolding* ma nstabx grif jew daqqiet li setghu gew kawzati mill-JCB;
   (b) L-opinjoni tal-perit Richard Aquilina[6];
   (c) L-attur xehed li "….*x'hin gholla l-arm, laqatli l-injam, fetahuli, tlift il-balance u mort mar-right…."*[7]. Il-qorti ma tarax kredibbli li l-JCB laqat il-fallakki. Fl-ewwel lok kien hemm distanza ta' cirka 1.5 metri bejn il-JCB u l-*iscaffolding*. Sabiex il-JCB jolqot il-fallakki kien hemm bzonn li l-*arm* tal-JCB iddur fuq ix-xellug, cjoe' fid-direzzjoni fejn kien il-konvenut. Hu evidenti li meta sehh l-incident il-JCB kien diga' qieghed fil-posizzjoni faccata t-tieqa li fiha kien qieghed isir ix-xoghol. Ix-xoghol fuq it-tieqa kien diga' beda tant hu hekk li l-gradilja tal-hadid (ara tieni ritratt a fol. 84) kienet diga' parti minnha nqalghet minn mal-hajt[8]. Waqt dan il-process il-qorti ma tarax li kien hemm xi htiega li l-operatur tal-JCB idawwar l-arm fuq ix-xellug biex ikompli fil-process biex tinqala' l-gradilja. Fit-tieni lok fir-rapport tal-ufficjal tal-Health and Safety jinghad: *"It-tieqa kienet giet imbragata b'katina mal-excavator kif indikat f'ritratt numru 4 u din tingibed 'il barra"* (fol. 81) u ***"It-tieqa kienet marbuta b'katina ma' l-excavator…."*** (fol. 83). Fil-fatt fir-ritratt a fol. 229 tidher katina marbuta mal-gradilja tal-hadid u l-arm tal-JCB. Hu evidenti li permezz tal-katina l-operatur tal-JCB kien qieghed jigbed 'il barra biex jaqla' l-gradilja minn mal-hajt. F'dan il-process il-katina kienet essenzjali. Fatt li jkompli jsahhah il-fehma tal-qorti li ma kienx mehtieg li l-arm tal-JCB iddur fuq in-naha tax-xellug, cjoe fejn kien jinsab l-*iscaffolding*. Inoltre, peress li l-arm tal-JCB u l-gradilja

---

[6] Fir-rapport tal-inkjesta qal: *"Minn kif kien instab il-JCB fuq il-post u li Scaffolding, ma deherx li dak li Scaffolding kien intlaqat u anqas ma dehret xi daqqa fuq l-istess Scaffolding"* (fol. 190).

[7] Fol. 142.

[8] Fir-rapport tal-perit Aquilina jissemma li fil-post kien hemm: *"Tieqa bi gradilja li kienet ghadha mizmuma fil-lok permezz ta' Anchor Bolt tan-naha ta' isfel lemin. Originarjament din kienet twahhlet fil-lok permezz ta' tliet Anchor Bolts fuq kull naha"*. Hu evidenti li r-riferenza hi ghall-gradilja li tidher fit-tieni ritratt a fol. 84.

kienu marbutin bil-katina, ma jistax ikun li l-arm tal-JCB ittellghet fl-gholi tal-fallakki tal-injam li fuqhom kien bilwieqfa l-attur[9].

Fin-nota ta' sottomissjonijiet l-attur ghamel riferenza ghall-Artikoli 1030-1033 tal-Kodici Civili u argument li dan il-konvenut kien responsabbli ghaliex *"… meta ra li l-attur kien qieghed jahdem fuq l-iscaffolding f'dak l-gholi, huwa xorta uza l-JCB tant vicin tal-iscaffolding sabiex jaqla' l-gradilja"* (fol. 282). Mill-konsiderazzjonijiet li saru l-qorti m'ghandhiex dubju li l-incident ma sehhx minhabba f'hekk. L-azzjoni tal-attur fil-konfront tal-konvenut Farrugia hi bazata fuq it-tezi li l-JCB laqat l-i*scaffolding* bil-konsegwenza li l-attur waqa' minn fuqu u sofra griehi gravi. Fatt li mill-provi ma jirrizultax. Fic-cirkostanzi l-konvenut Dennis Farrugia m'ghandu l-ebda responsabbilta' ghal dak li gara u ghalhekk ser tintlaqa' l-ewwel eccezzjoni.

5. Fir-rigward tas-socjeta konvenuta m'hemmx dubju li ghal finijiet tal-Att dwar l-Awtorita ghas-Sahha u s-Sigurta Fuq il-Post tax-Xoghol (Kap. 424), ir-relazzjoni bejn l-attur u s-socjeta konvenuta kienet dik ta' principal ma' mpjegat[10]. Ghalkemm l-attur jahdem ghal rasu, xorta jikkwalifika bhala "haddiem". Mill-provi rrizulta kif l-i*scaffolding* kien tal-kumpannija konvenuta. Kienet hi li pprovdiet din l-ghodda lill-attur biex ikun jista' jaqdi l-inkarigu li tatu, cjoe' li jiftah apertura f'hajt ezistenti. Jirrizulta wkoll li l-*iscaffolding* kien diga' armat fil-fond. Dennis Farrugia, direttur tas-socjeta konvenuta, kien ra lill-attur fuq l-i*scaffolding*. Hu minnu li Farrugia xehed:

   *"… Gino ghamel l-iscaffolding b'tali mod fejn il-fallakki ghamilhom fl-oghla livell minghajr ma kellu lquh, nghidulha gallarija. Seta' ghamilha l-gallarija. Kieku jien rajt lil Gino jarma ma hallejtux jarma bil-mod li rama'. Qed nigi mistoqsi kif jista' jkun illi Gino seta' jiftah il-bieb sas-saqaf u jaghmel il-gallarija….. Jiena ma jinteressanix kif. Mhux jien armajtu. Jien kieku kont naghmel ix-xoghol kont nara illi safety l-ewwel. Mhux jien ghidtlu kif jarmah u kieku rajtu, ma kontx inhallih jarmah b'dak il-mod. Il-fallakki li jidhru fir-ritratt a fol. Hamsa u tmenin (85) huma tal-kumpannija tieghi"* (fol. 175).

   Ix-xhud qal ukoll li kien hemm iktar *scaffolding* on site li seta' jintuza mill-attur. Pero' l-qorti diga' osservat li ma temminx il-verzjoni li ta Denis Farrugia fis-seduta tat-28 ta' Marzu 2014. Farrugia biddel il-verzjoni minn dik li ta fl-inkjesta magisterjali minghajr ma qal ghalfejn. Ma jistax jippretendi li l-qorti temmnu. M'hemmx dubju li Denis Farrugia ra lill-attur fuq l-*iscaffolding* u m'ghamel xejn. Is-socjeta konvenuta kellha d-dmir li tipprovdi *scaffolding* armat kif suppost u ma thallix lill-attur jahdem minn fuq l-iscaffolding li jidher

[9] Ara per ezempju ritratt a fol. 225.
[10] Ara t-tifsira tal-kliem *"min ihaddem"* (employer) u *"haddiem"* (employee).

fir-ritratti. Fir-rapport ta' Charles Micallef, l-ufficjal tal-Awtorita ghas-Sahha u S-Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol li nvestiga l-kaz, jinghad:-

*"Il-vittma waqa' imma gholi ta' madwar 4m (kieku l-armar kellu lqugh u kien mibni skond l-arti u s-sengha, il-vittma kien jaqa' ghal fuq livell iehor u mhux ghal art"* (fol. 82).

Hu evidenti li s-socjeta konvenuta ma pprovdietx lill-attur b'armar adegwat ghax-xoghol li kellu jaghmel. Ghal dan in-nuqqas trid twiegeb gialadarba hu evidenti li l-incident sehh minhabba li dak l-iscaffolding ma kien joffri l-ebda *safety* lill-haddiem. Wara kollox hi l-ligi stess li tipprovdi:

*"Min ihaddem ghandu dejjem jizgura s-sahha u s-sigurta' tal-persuni kollha li jistghu jigu affetwati bix-xoghol li jkun qieghed isir ghal dik il-persuna li thaddem"* (Artikolu 6(1) tal-Kap. 424).

Min-naha tieghu l-attur naqas ukoll:-

(a) Uza *scaffolding* li ma kellux *guardrail* mad-dawra fil-parti fejn kien qieghed jahdem.

(b) Kien bilwieqfa fuq zewg fallakki tal-injam li johorgu 'l barra mill-istruttura tal-i*scaffolding*. *Flooring* ta' *scaffolding* m'ghandux ikun ta' dik ix-xorta. Mir-ritratti a fol. 225 u 226 wiehed japprezza ahjar s-sitwazzjoni prekarja li l-attur espona lilu nnifsu ghaliha.

'Il fatt li rrizulta li l-*iscaffolding* hu proprjeta tas-socjeta konvenuta ma jfissirx li l-attur m'huwiex ukoll responsabbli ghas-sigurta' personali tieghu. L-attur ma messu **qatt** tela' f'dak l-gholi kollu[11] fuq dak it-tip ta' *scaffolding*. Il-periklu kien car u madankollu l-attur espona lilu nnifsu ghalih qisu xejn mhu xejn. L-attur kellu d-dmir li jiehu hsieb tas-sigurta' tieghu u jizgura li jinghata *scaffolding* li kien adattat ghax-xoghol li ried jaghmel. Fil-fehma tal-qorti n-nuqqas tal-attur kien gravi meta tqis li volontarjament tela' fuq scaffolding li ma kienx joffri garanziji ghas-sahha u sigurta' tieghu. Minkejja l-periklu manifest li kien jezisti, l-attur volontarjament espona lilu nnifsu ghal riskju prevedibbli. Fic-cirkostanzi l-qorti ssib htija kontributorja li qeghda tigi ffissata f'rata ta' 40%.

6. Fir-rigward tad-danni, il-qorti tosserva:-

   i. L-incident sehh fil-15 ta' Dicembru 2006 u fil-31 ta' Ottubru 2008 l-atturipprezenta l-kawza.

[11] L-iscaffolding hu gholi 3.76 metri (ara rapport tal-perit Richard Aquilina, fol. 188).

ii. L-attur twieled fil-5 ta' Jannar 1970. Ghalhekk fid-data tal-incident kellu 36 sena. F'Dicembru jaghlaq 46 sena.

iii. Fis-sena 2006 id-dhul nett li kellu kien ta' €10,504 (fol. 161B u fol. 149). Il-qorti ser taghmel il-kalkoli fuq €12,500 fis-sena ghall-perjodu ta' 20 sena[12].

iv. Skond l-esperti medici addizzjonali l-attur ghandu debilita permanenti ta' 8% (fol. 128). L-attur ma ghamel l-ebda osservazzjoni dwar din l-opinjoni. Jigi rilevat li l-espert ex parte nkarigat mill-attur stess esprima l-fehma li l-attur ghandu debilita ta' 10% (fol. 7) u dan fis-sena 2008[13].

Ghaldaqstant id-danni qeghdin jigu likwidati hekk:-

€12,500 x 20 sena = €250,000 x 8% = €20,000 – 12%[14] = €17,600 - 40%[15] = **€10,560**.

Hemm ukoll l-ispiza ta' €60 ghar-rapport mediku *ex parte* u s-somma ta' €31.28[16], total ta' **€54.77**[17].

In vista ta' dak li nghad hawn fuq l-ammont dovut mis-socjeta konvenuta hu ta' **ghaxart elef sitt mija u erbatax-il ewro u seba' u sebghin centezmu (€10,614.77)**.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi:-**

1. **Tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u tichad it-talbiet tal-atturi fil-konfront tieghu. Spejjez a karigu tal-atturi.**
2. **Fir-rigward tal-ewwel u raba' eccezzjoni tas-socjeta konvenuta u l-ewwel talba tal-atturi, tiddikjara li s-socjeta konvenuta hi responsabbli ghall-incident li sehh fil-15 ta' Dicembru 2006 b'dan li hemm htija kontributorja da parti tal-attur kif stabbilit hawn fuq.**
3. **Tichad it-tieni u tielet eccezzjonijiet.**
4. **Tillikwida d-danni fis-somma ta' ghaxart elef sitt mija u erbatax-il ewro u seba' u sebghin centezmu (€10,614.77).**
5. **Tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta' ghaxart elef sitt mija u erbatax-il ewro u seba' u sebghin centezmu (€10,614.77).**

---

[12] Cifra li qeghda tiehu in konsiderazzjoni awment li hu prevedibbli matul il-medda ta' snin li fuqhom ser jigu likwidati d-danni.
[13] L-esperti medici addizzjonali ezaminaw lill-attur hames snin wara l-incident.
[14] Tnaqqis ghal lump sum payment meqjus li mid-data tal-prezentata tal-kawza diga' ghaddew 7 snin u mill-multiplier ta' 20 sena diga' ghaddew 9 snin.
[15] Tnaqqis ghal htija kontributorja.
[16] Ghalkemm l-attur ma pprezentax ricevuta hu probabli li nefaq l-ispejjez li semma.
[17] Wara li sar tnaqqis minhabba htija kontributorja.

**Spejjez, salv ghal dak li gie diga' dikjarat, jinqasmu in kwantu ghal 40% a karigu tal-atturi u 60% a karigu tas-socjeta konvenuta b'dan li l-ispejjez tal-ewwel rapport mediku huma a karigu tal-atturi[18].**

Anthony Ellul.

[18] Il-qorti qeghda tordna hekk ghaliex fl-ewwel rapport minhabba li hemm avarja konsiderevoli bejn ir-rata ta' debilita stabbilita mill-ewwel perit mediku ghal dik stabbilita mill-periti addizzjonali.